MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-4 ta' April, 2014

Numru. 548/2007

**Il-Pulizija**
**Spettur Ian Joseph Abdilla**

**vs**

**John Farrugia**
**omissis**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat John Farrugia ta' 60 sena, bin il-mejjet Salvu u Franceska Saverja nee' Gatt, imwieled Birzebbugia fil-11 ta' Settembru 1946 u residenti fi Jasmine, Numru 21, Triq Censu Busuttil, Fgura u detentur tal-

karta tal-identita' numru 775846(M) u omissis gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F'Gunju 2007, u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer kif wkoll barra minn dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li kisru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

1. Ippromowova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja ghaqda ta' zewg persuni jew aktar (u cioe' flimkien ma' diversi persuni f'Malta) bil-hsieb li jaghmel reati kriminali (u cioe' diversi atti ta' korruzzjoni, falsifikazzjoni ta' dokumenti, u atti ohra) li ghalihom jistghu jehlu l-piena ta' prigunerija ghal zmien ebra' snin jew iktar; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 83A(1) u (5) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

2. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, appartjena ghal ghaqda msemmija fis-Subartikolu (1) ta' l-Artikolu 83A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; (Dan bi ksur ta' l-Artikoliu 18, 83A (2) u (5) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

Lil John Farrugia u lil Omissis wkoll talli f'Gunju 2007, u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

3. Fil-kapacita' taghhom ta' ufficcjali jew impjegati pubblici, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg taghhom, talbu, ircievew jew accettaw ghalihom jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor li ghalihom huma ma kellhomx jedd; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, u 115 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

4. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, fil-kapacita' taghhom ta' ufficcjali jew impjegati f'amministrazzjoni pubblika, jew fil-kapacita' taghhom ta' impjegati tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk kellhom kemm jekk ma kellhomx jedd li jesigu flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet taghhom, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, illi taht il-libsa tal-kariga taghhom, esigu dak li l-ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skond il-Ligi; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18 u 112 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

5. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, wieghdu, taw jew offrew sew b'mod dirett sew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi perusna li hemm imsemmija fl-artikoli precedenti ta' sub-titolu 121A(1) ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex igieghlu lil dik il-perusna ohra tesercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-perusna ohra jew ghal xi hadd iehor, (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, u 121A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

6. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu ta' Malta College of Arts, Science and Technology(MCAST); (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

7. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe' certifikati mahrugha mill-MCAST, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f' dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll talli xjentement ghamel uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 183 u 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

8. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, iffalsifika cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment publiku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku

tal-Gvern; kif ukoll talli xjentament ghamel uzu minnhom; (Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 167 u 169 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

9. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, fil-kapacita’ tieghu ta’ ufficcjal jew impjegat pubbliku, waqt illi kiteb atti li jidhlu fid-dmirijiet tal-kariga tieghu, biddlu bil-qerq is-sustanza jew ic-cirkostanzi tieghu, sew billi nizzel pattijiet diversi minn dawk li jkunu gew iddettatti jew maghmula mill-partijiet, kemm billi ddikjara bhala veri fatti foloz, jew bhala fatti maghrufa dawk li ma jkunux; (Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, u 180 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

10. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, fil-kapacita’ tieghu ta’ ufficcjali jew impjegati pubblici, illi minhabba l-kariga jew l-impjieg tieghu kien fid-dmir li jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni jew certifikat, ghamel jew ta dikjarazzjoni falza jew certifikat falz; kif wkoll talli xjentement ghamel uzu minn tali dokumenti; (Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 185 u 186 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

11. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz; (Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, u 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

12. Fl-istess dati, lokalitajiet, cirkustanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat; ( Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, u 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

13. Fl-istess dati, lokalitajiet, cirkustanzi, ikkommetta talli reati filwaqt li kien ufficjal jew impjegat pubblici, b'hekk sar hati ta' reati li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirux jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi. (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, u 141 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex tapplika mutatis mutandis id-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif kkontemplat fl-Artikolu 23A (2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti kienet wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali datata 14 ta' Mejju 2008 (esebita a fol. 468 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

A. Fil-konfronti ta’ JOHN FARRUGIA :-

1. fl-artikoli 18 u 83A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. fl-artikoli 18 u 83A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3. fl-artikoli 18 u 115 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
4. fl-artikoli 18 u 112 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
5. fl-artikoli 18 u 121A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
6. fl-artikoli 18 u 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
7. fl-artikoli 18, 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
8. fl-artikoli 18, 167 u 169 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
9. fl-artikoli 18 u 180 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
10. fl-artikoli 18, 185 u 186 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
11. fl-artikoli 18 u 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
12. fl-artikoli 18 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
13. fl-artikolu 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
14. fl-artikolu 5 tal-Kapitolu 373 u l-artikolu 23A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
15. fl-artikolu 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

B. fil-konfronti ta’ Omissis

1. fl-artikoli 18 u 83A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. fl-artikoli 18 u 83A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3. fl-artikoli 18 u 115 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
4. fl-artikoli 18 u 112 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
5. fl-artikoli 18 u 121A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
6. fl-artikoli 18 u 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

7. fl-artikoli 18, 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
8. fl-artikoli 18, 167 u 169 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
9. fl-artikoli 18 u 180 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
10. fl-artikoli 18, 185 u 186 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
11. fl-artikoli 18 u 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
12. fl-artikoli 18 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
13. fl-artikolu 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
14. fl-artikolu 5 tal-Kapitolu 373 u l-artikolu 23A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
15. fl-artikolu 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tat-8 ta' Frar 2013, l-imputat ddikjara li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza ;

Ikkunsidrat :

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fl-24 ta' Marzu 2007 Dr. Joseph Camilleri[1] ghan-nom tal-Malta Maritime Authority irraporta lill-

1 Meta xehdet Sharon Bonello fid-9 ta' Lulju 2007 li hija impjegata mal-PriceWaterHouse Cooper li ghamlu audit tal-Malta Maritime Authority. Huma talbu informazzjoni biex isiru testijiet fuq in-nautical licenses. L-informazzjoni kienet qieghda tintbghat minn John Farrugia. Irrizulta li kien hemm diskrepenza bejn l-

Pulizija u talab li tinbeda’ nvestigazzjoni dwar irregolaritajiet dwar l-ghoti tal-licenzji nawtici sabiex jinstaqu bcejjec tal-bahar b'mutur ta' aktar minn mitt horsepower skond l-Avviz Legali numru 129 tal-2001. Il-procedura dak iz-zmien kienet li persuna li kienet tapplika kellha taghmel kors gewwa l-MCAST ta' hmistax-il gurnata fil-Basic Seamanship. Kull min jghaddi minn dan l-ezami ikun jista' japplika ghal din il-licenzja. Minn investigazzjonijiet interni li saru mill-istess Awtorita' irrizulta li kien hemm diversi applikazzjonijiet li kellhom certifikat mahrug mill-MCAST li deheru rregolari. Kull certifikat kien ikollu 'rotation number', numru ta' ricevuti ta' hlas liema ricevuti ma kienux jezistu jew referenza ta' kors li ma kienx jezisti. Kien hemm ukoll applikazzjonijiet ta' persuni li isimhom ma kienx jidher fuq il-lista ta' partecipanti ghall-kors ghand l-MCAST. Kull persuna li kienet tikwalifika mill-kors setghat tapplika ghall-licenzja ghand l-Awtorita'. Mill-investigazzjonijiet li ghamlu l-Pulizija rrizulta li nhargu elf seba' mija u tmenin (1780) licenzja fejn il-persuni koncernati ma kienux ghamlu l-kors tal-MCAST. Ma' dawn kien hemm ukoll persuni li minhabba n-natura tax-xoghol taghhom jew inkella peress li diga’ kellhom kwalifiki migjuba minn entitajiet ohra gew ezentati milli jattendu l-kors tal-MCAST. Minn dan l-ammont kien hemm madwar erba' mija u hamsa u erbghin (445) applikant li kienu suspettati li kellhom ic-certifikat falsifikat. Sussegwentement irrizulta li dawn il-persuni kienu jhallsu mitejn Lira Maltin (Lm200) sabiex jevitaw milli jaghmlu dan il-kors tal-MCAST izda xorta wahda tinhargilhom il-licenzja. Bhala rizultat ta' din l-

informazzjoni migjuba mill-MCAST u l-licenzji mahruga mill-Malta Maritime Authority. Irrizulta li kien hemm diskrepenza ta' 272 kaz izda minnhom seta' kien hemm persuni li diga kellhom kwalifiki minn entitajiet differenti. Irrizulta li kien hemm diversi licenzji mahruga u li kellhom certifikati mahruga mill-MCAST dubjuzi. Ir-rapport prezentat lil pulizija minn Dr. Joseph Camilleri gie konfermat bil-gurament u gie markat bhala dok JC1 a fol 113. Waqt li Oscar Borg li kien jokkupa l-kariga ta' Chief Executive fi hdan il-Malta Maritime Authority ikkonferma fis-seduta tas-26 t'Ottubru 2007 li Pricewaterhouse Cooper kienet qieghda taghmel audit u l-informazzjoni migbura minn Sharon Bonello giet mghoddija lilhu. A bazi ta' dan ir-rapport inhareg rapport lil Pulizija minn Dr. Joseph Camilleri. Waqt li Edgar Gatt fil-kapacita’ tieghu bhala Vici Chairman, ikkonferma fis-seduta tal-11 t’April 2008, li kienet kelmitu Sharon Bonello u spjegatlu d-diskrepanzi li kien hemm fid-dokumenti misjuba ghand l-awtorita’ u l-hrug ta’ licenzji ta’ dawk li ghaddew mill-kors maghmul ghand l-MCAST.

investigazzjoni gew arrestati diversi nies li jahdmu fl-ufficcju fejn jigu processati dawn il-licenzji gewwa l-Malta Maritime Authority. Irrizulta li l-imputat odjern John Farrugia li kien il-kap tas-sezzjoni fi hdan l-Awtorita’ Marittima (Small Ships Administrator) responsabbli mill-hrug ta’ licenzji nawtici u li huwa kien jimla’ formoli vojta tal-MCAST sabiex b'hekk persuni jkunu jistghu jinhargulhom il-licenzji necessarji. Fil-kors tal-investigazzjonijiet John Farrugia kien indika lill-Pulizija li huwa kien gie avvicinat minn persuna minn Wied il-Ghajn fejn dan talbu jghaddielu dawn l-applikazzjonijiet u kien jithallas is-somma ta' ghoxrin (20) Lira Maltin ghal kull applikazzjoni. John Farrugia kien indika lill-Pulizija li f’certu punt Ivan Muscat, impjegat iehor tal-Awtorita li kien subordinate tieghu u li originarjament kien ko-akkuzat f’dawn il-proceduri, kien induna li kien hemm applikazzjonijiet b’certifikati foloz u ma riedx jaccettahom izda wara li Farrugia kkonvincih dan beda’ jaccetta dawn l-applikazzjonijiet u jircievi flus ghalihom. Min-naha tieghu Ivan Muscat[2] kien spjega lill-Pulizija li huwa kien induna li kien hemm applikazzjonijiet li maghhom kien hemm certifikati tal-MCAST li ma kienux tajbin u huwa kien kellem lis-superjur tieghu John Farrugia fejn dan min-naha tieghu kien qallu sabiex jaghlaq ghajnejh u li huwa kien dispost jaqsam mieghu il-qliegh involut fl-operazzjoni. John Farrugia kien jghaddilu madwar hamsin lira fix-xahar ghal dan l-iskop izda Muscat dejjem sostna li huwa ma kienx jaf min kienu l-persuni li kienu jgibu l-applikazzjonijiet. L-imputat John Farrugia irrilaxxja tlett stqarrijiet (Dok IA1 nserita a fol 54 sa 56, Dok IA2 nserita a fol 57 sa 59 u Dok. IA3 nserita a fol. 60 u 61) fejn huwa qal li madwar tlett snin qabel huwa kien gie avvicinat minn certu Alfred Mizzi sabiex jinhareg nautical licence ghal persuna li ma kienx jaf min hi u minn dik il-gurnata l-quddiem dan baqa’ jgiblu formoli ta’

2 Il-Qorti kienet hatret lil Dr. Anthony Cutajar biex jaghmel elenku tal-assi tal-imputat li elenka l-assi tieghu fix-xhieda mghotija fis-26 t'Ottubru 2007.

certifikati tal-MCAST vojta lesti bit-timbru u huwa kien jimla' d-dettalji u sussegwentement kienet tinhareg il-licenzja. Huwa spjega li f'xi stadju Ivan Muscat kien induna li certu certifikati li kienu qed jigu prezentati kienu suspettuzi u huwa kien ghalhekk qallu sabiex jaghlaq ghajnejh u li jekk jigri xi haga kien hemm xi hadd mill-Ministeru li seta' jghinhom (ghalkemm dan ma kienx minnu). L-imputat John Farrugia qal lill-Pulizija li huwa kien jinghata Lm20 ghal kull certifikat u licenzja u li huwa kien jghaddi nofshom lil Ivan Muscat. Farrugia qal ukoll li huwa jikkalkula li kien ghadda madwar erba' mitt applikazzjoni b'dan il-mod. Meta Farrugia gie muri serje ta' certifikati tal-MCAST annessi ma nautical licenses li nhargu huwa kkonferma li l-kitba fuq dawn ic-certifikati kienet tieghu. L-imputat Farrugia qal ukoll li huwa dejjem ma Alfred Mizzi biss kien involut u li qatt ma ltaqa' man-nies li kienu jinhargulhom in-nautical licenses jew ma xi persuni ohra. L-imputat John Farrugia ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri.

Meta xehed il-Kaptan Reuben Lanfranco waqt l-udjenzi tat-18 ta' Settembru 2007 u tad-29 ta' Lulju 2010 huwa spjega li kien jokkupa l-kariga ta' Direttur fl-istitut Marittimu gewwa l-Kalkara fi hdan l-MCAST. Dan l-istitut joffri korsijiet sabiex tinhareg nautical licence maghruf bhala basic seamanship. Kull kors kien jiswa' hamsin Lira Maltin (Lm50) u kien jinhareg certifikat wara li l-persuni jkunu ghaddew minn ezamijiet. Ic-certifikat li jinhareg (ara dok RL3 a fol 123) jigi ttimbrat skond jekk persuna tigix ezentata minn xi ezami jew jekk tkun ghaddiet minn dak l-ezami. Dan ix-xhud esebixxa Dok. RL4 li juri certifikat bid-dettalji u li jkun fih receipt number, in-numru tal-kors u sequential number u spjega li s-sequential number huwa uniku ghal kull certifikat li jinhareg. Il-Kaptan Lanfranco spjega utlerjorment li kienet tintbghat lista bis-

sequential numbers lil Malta Maritime Authority sabiex tinholoq sistema ta' kontroll u din l-informazzjoni kienet qed tintbghat lill-imputat John Farrugia. Ix-xhud qal li l-Malta Maritime Authority kienu nfurmawh li kien qieghed isir internal audit dwar l-ghoti tal-licenzji u spjega li minn dokumenti li gew provduti mill-Pulizija rrizulta li kien hemm certifikati li kellhom is-sequential number jew ir-receipt number l-istess. Meta rega’ xehed fis-seduta tad-29 ta’ Lulju 2010 il-Kaptan Lanfranco kkonferma li d-Dok JS2 li huma dokumenti li jindikaw li huma certifikati li huma mahruga mill-MCAST huma falsifikati u ma kienux mahruga minnhom.

Sandro Mizzi meta xehed fl-udjenza tat-23 ta’ Mejju 2008, spjega kif persuni li riedu japplikaw ghal licenzja kienu jmorru l-ufficcju taghhom gewwa l-Malta Maritime Authority. Kienu jipprocessaw id-dokumenti li kienu jingiebu u tinhareg licenzja. Il-bicca kbira tad-dokumenti li kienu jircievu kienu mahruga mill-MCAST wara li kienu jkunu ghamlu kors ta’ success fuq basic seamanship. Waqt l-auditing li kien qieghed isir fuq il-hrug ta’ dawn il-licenzji, huwa sar jaf li kienu inhargu aktar licenzji milli kien hemm persuni li ghamlu l-kors.

F’dawn il-proceduri xehed ukoll Vincent Abela waqt l-udjenza tad-19 ta’ Frar 2009 fejn dan qal li kienu ttiehdu proceduri kriminali fil-konfronti tieghu in konnessjoni ma’ dan il-kaz. Huwa qal li kien jaf lil John Farrugia u spjega kif kien kellem lil dan tal-ahhar u qallu kif seta’ jaghmel sabiex igib licenzja tal-bahar u Farrugia kien irrangalu kollox izda qatt ma kien talbu flus.

Ikkunsidrat:

lli wara li saret talba ad hoc mill-Prosekuzzjoni sabiex jinhatar espert tal-kaligrafija, l-Qorti nominat li Martin Bajada sabiex jaghmel analizi tal-kitba tal-imputat u tad-dokumenti li jinsabu nseriti a fol 253 (Dok. JS2). Mir-rapport[3] fejn saret analizi komparattiva mill-espert Martin Bajada irrizulta s-segwenti:-

*"Illi, mill-analisi komparattiv bejn il-kampjun tal-kitba ta' John Farrugia mal-kitba fuq DOK JS2, formuli Maritime Insitute Records MI-FO38, l-evidenza hija tali li bla- ebda dubju l-kitba f'DOK JS2 hija dak ta' John Farrugia dettentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0775846(M)."*

L-istqarrija tal-imputat.

Illi waqt it-trattazzjoni finali d-Difiza ssottomettiet li l-Qorti m'ghandhiex tiehu in konsiderazzjoni dak li qal l-imputat fit-tlett stqarrijiet minnu rilaxxjati u li saret referenza ghalihom aktar 'il fuq stante li meta huwa rrilaxxja dawn l-istqarrijiet ma nghatax l-opportunita' jikkonsulta ma avukat. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghal diversi sentenzi li nghataw dwar id-dritt tal-imputat li jkun assistit minn Avukat waqt l-investigazzjoni u tehid tal-istqarrija mill-Pulizija. Fiż-żmien tar-rilaxx tal-istqarrija in kwistjoni l-liġi tagħna ma kinitx tipprovdi li l-interrogat jista' jkollu l-assistenza tad-difensur tiegħu waqt li jkun qed jiġi interrogat u meta jkun ser jirrilaxxja stqarrija. Minħabba dan id-Difiza ssostni li l-imputat jista' jkollu ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu, kif sanċiti fl-

[3] Inserit a fol 339 et sequitur.

Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u fl-artikoli 6(3)(ċ) u 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Kif ġie nnutat mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija vs Alvin Privitera deċiża fil-11 ta’ April 2011 is-sub-artikolu (1) tal-imsemmi artikolu 39 jipprovdi li –

> *“Kull meta xi ħadd ikun akkużat b’reat kriminali huwa għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b’liġi.”*

Is-sub-artikolu (1) tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jipprovdi – “Fid-deċiżjonijiet tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta’ xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b’liġi”. Is-sub-artikolu (3)(ċ) tal-istess artikolu 6 tal-Kap. 319 jipprovdi li kull min ikun akkużat b’reat kriminali għandu d-dritt “li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta’ assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b’xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk”. L-ebda wieħed mill-artikoli ċitati ma jistipula speċifikament li persuna li tkun qed tiġi investigata mill-Pulizija in konnessjoni ma’ xi allegat reat għandha d-dritt li tkun assistita, waqt l-istess investigazzjonijiet u meta tkun ser tirrilaxxja stqarrija, mill-konsulent legali ta’ fiduċja tagħha jew li jkun ġie assenjat lilha skond il-liġi. Ġie diversi drabi ritenut mill-Qorti Europeja li dak li hu stipulat fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni hu applikabbli għal dak l-istadju li jippreċedi proċeduri kriminali quddiem il-qrati kompetenti kontra min ikun qed jiġi investigat u interrogat mill-Pulizija. Għalhekk il-provedimenti in kwistjoni huma wkoll applikabbli fil-fażi tal-investigazzjonijiet u tal-interrogazzjoni

tal-investigat. Kwindi l-interrogat għandu d-dritt li jiddefendi ruħu bl-istess mod kif jista' jiddefendi ruħu fil-kors ta' proċeduri kriminali li jkunu ttieħdu kontra tiegħu. B'mod partikolari huwa għandu d-dritt li jkun assistit minn avukat qabel ma jibda jiġi nterrogat mill-Pulizija. Dan oramai huwa prinċipju ben assodat li joħroġ minn diversi sentenzi tal-Qorti Europea (vide Imbrioscia vs Svizzera tal-24 ta' Novembru 1993 u Panovits vs Cyprus tal-11 ta' Diċembru 2008), kif ukoll minn sentenzi tal-Qrati tagħna.

Fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Alvin Privitera (Qorti Kostituzzjonali) 11 ta' April 2011) ġie ritenut li

> *"meta diġa jkun hemm raġunijiet biżżejjed li fuqhom il-qorti tkun tista' ssib li hemm leżjoni, il-qorti m'għandhiex toqgħod tistenna sakemm jintemm il-każ jew li jiġi attwalment miksur id-dritt pretiż biex tiddeċiedi jekk hemmx leżjoni jew le. Jista' jagħti l-każ li jkun tard wisq. Fil-fehma ta' din il-qorti n-nuqqas ta' assistenza ta' avukat fl-istadju ta' investigazzjoni hu wieħed minn dawn iċ-ċirkostanzi li jistgħu jippreġudikaw id-dritt ta' persuna akkużata irrimedjabilment".*

Izda fil-kawza Kostituzzjonali fl-ismijiet Charles Steven Muscat v. Avukat Ġenerali tat-8 ta' Ottubru, 2012 (Appell Civili Numru. 75/2010/1), il-Qorti qalet fost affarijiet ohra li:

> *"F'dan il-kuntest huwa relevanti dak li qalet il-Qorti Ewropeja fil-każ ta' Paskal v. l-Ukrajna[4]: "the level of the applicant's*

[4] Q.E.D.B. 15 ta' Settembru 2011, rikors 24652/04.

> *expertise cannot be discounted in assessing whether his consent to participate in the particular questioning was well-informed"*[5].

Ikkunsidrat

Illi fil-kaz odjern kif diga' inghad l-imputat irilaxxja tlett stqarrijiet, l-ewwel wahda fit-12 ta' Gunju 2007, it-tieni wahda fit-13 ta' Gunju 2007 u t-tielet wahda fis-26 ta' Gunju 2007. Fit-tielet stqarrija l-imputat rega' kkonferma dak kollu li kien qal fl-ewwel zewg stqarrijiet minnu rilaxxjati. Meta wiehed jikkunsidra li bejn it-tieni u t-tielet stqarrija kien hemm trapass ta' tlettax il-gurnata fejn l-imputat ma baqghax arrestat u fejn huwa ghalhekk seta' facilment jikkonsulta ma avukat u jekk ried seta' mbaghad fit-tielet stqarrija ibiddel jew ivarja jew jikwalifika dak li ntqal minnu fl-istqarrijiet precedenti wara li jkun hekk ikkonsulta mal-avukat, din il-Qorti ma jidrilhiex li ghandha tiskarta dak li ntqal mill-istess imputat John Farrugia fl-istqarrijiet minnu rilaxxjati.

Ikkunsidrat:

Illi minn qari tan-nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali tal-14 ta' Mejju 2008 jirrizulta li l-istess Avukat Generali indika li tista' tinstab htija jew htijiet taht numru konsiderevoli ta' Artikoli hemm tal-Kodici Kriminali kif ukoll tal-Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta izda wara li l-Qorti talbet lli ssir trattazzjoni ulterjuri mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza sabiex tinghata ndikazzjoni dwar jekk kienx hemm imputazzjonijiet li nghataw

[5] Para. 78.

bhala alternattiva ghall-imputazzjonijiet ohrajn jew jekk kienx hemm l-assorbiment ta' uhud mir-reati f'ohrajn din il-Qorti setghat tiddetermina li l-Prosekuzzjoni qed tibbaza l-kaz taghha fil-konfronti tal-imputat John Farrugia principalment abbazi tar-reati kontemplati fl-artikoli 83A(1) u (5), 115(1)(c) , 308, 309 u 310, 183, 184, 185 u 186 u 141 tal-Kodici Kriminali.

Il-kongura (Artikolu 83A) tal-Kodici Kriminali.

Il-Ligi fl-artikolu 83A titkellem dwar l-assocjazzjoni ta' tnejn jew aktar nies ghal fini ta' kummissjoni ta' reat. Illi dan id-delitt tal-kongura gie ippromulgat fil-Ligi penali taghna permezz tal-Att numru III ta' l-2002. L-ghan ta' dina id-disposizzjoni tal-Ligi kien illi tissahhah il-glieda kontra l-kriminalita' organizzata.

Fil-kaz tal-imputat John Farrugia l-Prosekuzzjoni irriteniet li ghandhom japplikaw is-sub-incizi (1) u (5) tal-Artikolu 83A liema sub-incizi jipprovdu s-segwenti:

*"83A (1) Kull min jippromwovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja għaqda ta' żewġ persuni jew aktar bil-ħsieb li jagħmlu reati kriminali li għalihom jistgħu jeħlu l-piena ta' priġunerija għal żmien erba' snin jew iktar, jistgħu jeħlu l-piena ta' priġunerija għal żmien minn tlieta sa seba' snin.*

*(5) L-azzjoni kriminali għal reat kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu tista' ssir f'Malta minkejja li l-għaqda ta' persuni jkollha bażi jew tkun tmexxi l-attivitajiet kriminali tagħha barra minn Malta".*

Illi fil-kaz odjern id-Difiza tikkontendi li l-fatti ta’ dan il-kaz qatt ma jistghu jitqiesu li jinkwadraw ruhhom fir-reat in dizamina stante li dan ir-reat jaqa’ taht it-titolu ta’ delitti kontra l-paci pubblika u r-reati ta’ truffa, korruzzjoni ta’ ufficjal pubbliku u falsifikazzjoni li seta’ kien hemm assocjazzjoni jew ftehim dwarhom ma jistghux jitqiesu li huma reati ta’ din in-natura. Il-Qorti ma taqbilx ma’ dak sottomess mid-Difiza f’dan ir-rigward ghaliex l-Artikolu 83A(1) ma jispecifikax x’ghandha tkun in-natura tar-reati kriminali li l-ghaqda ta’ zewg persuni jew aktar jiftehmu dwarhom izda jghid biss li dawn ir-reati kriminali ghandhom ikollhom piena ta’ erba’ snin prigunerija jew aktar. Ma hemmx dubju li fil-kaz odjern ir-reati ta’ korruzzjoni ta’ ufficjal pubbliku, truffa u falsifikazzjoni li seta’ kien hemm ftehim dwarhom kellhom piena ta’ aktar minn erba’ snin. Stabbilit dan il-punt izda l-Qorti ma jidrilhiex li jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-Ligi sabiex jitqies li jissussisti dan ir-reat. L-elementi essenzjali ta’ dan ir-reat huma (1) ftehim car, (2) bejn aktar minn persuna wahda, (3)dwar delitt li jikomporta piena ta’ erba’ snin jew aktar u (4) l-modalita. Fil-kaz odjern ghalkemm John Farrugia jghid li gie avvicinat minn Alfred Mizzi sabiex johrog licenzji nawtici u li sussegwentement dan beda’ jgiblu formoli vojta ta’ certifikati vojta sabiex huwa jimlihom u kien jghaddielu l-flus ma kull certifikat, fil-fehma tal-Qorti ma ngabitx il-prova li sar ftehim car minn qabel bejn Mizzi u Farrugia dwar dak li kellu jsir u kif dan kellu jsir. Minn imkien ma jirrizulta li l-imputat John Farrugia ftiehem li jippromuovi, l-anqas li jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja xi assocjazzjoni bl-iskop li jigu kommessi reati kriminali. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li ghalkemm kif ser jinghad aktar ‘l isfel fil-korp ta’ din is-sentenza jirrizultaw pruvati reati ohra, l-istess haga ma tistghax tinghad ghar-reat ta’ kongura in dizamina. L-imputat John Farrugia sejjer ghalhekk jigi

dikjarat mhux hati tal-ewwel u tat-tieni mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

L-Artikolu 115 tal-Kodici Kriminali.

L-artikolu 115 tal-Kapitolu 9 jitratta dwar il-korruzzjoni minn ufficjal jew impjegat pubbliku. Is-subinciz (c) jaqra hekk:

*"Kull ufficjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tieghu, jitlob, jircevi jew jaccetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom huwa ma jkollux jedd jehel meta jinstab hati … jekk barra milli jkun accetta l-hlas, il-weghda jew l-offerta, l-ufficjal jew impjegat ikun fil-fatt naqas milli jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel, il-piena ta' prigunerija minn .."*

Illi minn ezami ta' l-**artikolu 115** tal-Kodici Kriminali li jikkontempla r-reat ta' korruzzjoni jirrizulta illi l-elementi bazici li jridu jigu ippruvati huma essenzjalment erba' u cioe:

1. in-natura ufficjali jew pubblika ta' l-impieg tal-persuna ikkoncernata.

2. li dik il-persuna irceviet jew accettat flus, jew xi rigal, jew weghda jew offerta u dawn ma ikunux dovuti skond il-ligi.

3. li dana jkun in konnessjoni ma’ l-istess kariga jew impieg.

4. li l-iskop ikun illi l-persuna taghmel jew ma taghmilx id-dmir tieghu/taghha.

Illi ghalhekk l-ewwel element essenzjali ghal kummissjoni ta’ dana ir-reat huwa n-natura ufficjali jew pubblika ta’ l-impieg tal-persuna li qed tigi korrotta. Illi l-Professur Mamo fin-noti tieghu dwar id-dritt penali ighid: “**The character of public officer or person employed under the Government is the first essential of this crime. The wording is very wide and embraces all officers or employees under the Government. … It includes all public officers or employees whether their duties are judicial, ministerial or executive or mixed.”**

Illi l-Artikolu 92 imbaghad jiddisponi testwalment hekk:

“**Taht il-frazi generali ‘ufficjal pubbliku’ jidhlu mhux biss l-awtoritajiet kostitwiti, civili u militari, izda wkoll dawk il-persuni kollha li huma mahtura skond il-ligi sabiex jamministraw xi parti tas-setgha ezekuttiva tal-Gvern, jew biex jezegwixxu xi dmir iehor pubbliku impost mil-ligi, sew gudizzjarju kemm amministrattiv kif ukoll tax-xorta l-wahda u l-ohra.”**

Mix-xhieda ta’ Godwin Callus[6] li jokkupa l-kariga ta’ Personnel Manager fi hdan l-Awtorita’ Marittima li hija awtorita’ governattiva jirrizulta li mill-file ta’ John Farrugia, karta ta’ l-identita’ numru 775846M jidher li huwa gie originarjament impjegat fis-civil service u mbaghad fl-20 ta’ Jannar 1992 huwa gie seconded mal-Awtorita’ Marittima fejn kien jokkupa l-kariga ta’ Berthing Master fil-Yachting Centre Directorate. Fid-9 ta’ Frar 1998 huwa gie trasferit fis-sezzjoni tas-Small Ships Register fejn kien jokkupa l-kariga ta’ Marine Executive u fit-23 ta’ Gunju 2000 ha promozzjoni ghal Small Ships Administrator fejn kien il-head of department u kompla jokkupa din il-kariga sakemm irrizenja mill-impjieg tieghu mal-Awtorita’ fil-21 ta’ Gunju 2007. Jirrizulta ghalhekk minghajr ebda dubju li l-imputat John Farrugia huwa ufficjal pubbliku fit-termini hawn fuq spjegati u ghalhekk l-ewwel rekwizit gie ampjament pruvat.

Illi fit-tieni lok dik il-persuna trid tkun irceviet jew accettat flus jew xi rigali jew weghda jew offerta u dawn ma jkunux dovuti skond il-ligi. Mill-provi akwiziti u senjatament mill-istqarrijiet tal-istess imputat John Farrugia jirrizulta li huwa kien jircievi somma ta’ Lm20 minghand Alfred Mizzi ghal kull certifikat li kien jimla’ u ghal kull licenzja mahruga u jirrizulta wkoll li huwa hareg bejn 400 u 500 licenzja b’dan il-mod u cioe’ billi jiffalsifika certifikati tal-MCAST li kienu necessarji sabiex tinhareg licenzja. Illi ma hemmx dubju li dak li kien jaghmel l-imputat John Farrugia kien in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu. Mill-provi jirrizulta wkoll li jikkonkorri l-ahhar rekwizit ghaliex l-imputat kien qed jigi mhallas sabiex jaghmel id-dmir tieghu u cioe’ jipprocessa applikazzjonijiet ghall-hrug ta’ licenzja nawtika nonostante li d-dokumentazzjoni annessa mal-applikazzjoni kienet irregolari.

[6] Li xehed waqt l-udjenza tat-18 ta’ Setembru 2007.

Il-Qorti jidrilha li t-tielet (3) imputazzjoni tirrizulta ampjament pruvata u l-imputat ser jinstab hati taghha.

L-Artikolu 112 tal-Kodici Kriminali.

Il-Prosekuzzjoni waqt it-trattazzjoni finali ndikat li r-raba'(4) mputazzjoni tista' tigi kkunsidrata bhala mezz ghall-fini tat-tielet(3) imputazzjoni. Permezz tar-raba'(4) mputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat ta' estorsjoni fejn ufficjal pubbliku jesigi flus kontra l-ligi. Fil-fehma tal-Qorti fil-kaz odjern bl-ebda mod ma jirrizulta li l-imputat John Farrugia esiga li jithallas il-flus minghand in-nies li kienu qed jghaddu l-flus lil Mizzi u ghalhekk huwa nieqes l-element ta' estorsjoni li huwa l-element li jiddistingwi dan ir-reat mir-reat kontemplat fl-Artikolu 115 tal-Kodici Kriminali. L-imputat sejjer ghalhekk jigi dikjarat mhux hati tar-raba'(4) mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

L-Artikolu 121A tal-Kodici Kriminali

Illi l-Avukat Generali fin-Nota tar-Rinviju tieghu Ghal Gudizzju jindika disposizzjoni ohra tal-Ligi u cioe' r-reat ikkontemplat fl-artikolu 121A tal-Kapitolu 9 li li jaqra:

**"Kull min iwieghed, jaghti jew joffri, sew b'mod dirett sew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fl-artikoli precedenti ta' dan is-subtitolu, sabiex igieghel lil dik l-persuna ohra tesercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi hadd iehor, ghandu, meta jinsab hati, jehel il-piena ta' prigunerija ghal zmien minn tlett xhur sa sena."**

Illi l-interpretazzjoni ta' din id-disposizzjoni tal-Ligi giet esposta f'zewg sentenzi moghtija mill-Qrati taghna u cioe' wahda moghtija mill-Qorti Kriminali fit-13 ta' Lulju 2006 fl-ismijiet ir-Repubblika ta' Malta vs Dr. Noel Arrigo u it-tieni wahda deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-17 ta' Settembru 2008 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Gino Zammit fejn inghad:

**"Illi minn ezami ta'l-Artikolu gdid 121A jemergu zewg reati separati. Dak kontemplat fis-subartiklu (1) huwa dak ta' persuna li twieghed, taghti jew toffri, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fl-artikoli precedenti. Mela hawn ghandha il-kaz fejn A is-soggett attiv, qieghed iwieghed, joffri jew jaghti lil B xi vantagg mhux xieraq biex B jinfluwenza kif jiddeciedi C., sija jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal C jew ghal xi hadd iehor, prezumibbilment D."**

Illi min ezami tal-provi akkwiziti f'dan il-process ir-reat kontemplat fl-Artkolu 121A certament ma jistghax jitqies li jissussisti u dan gie rikonoxxut mill-istess Prosekuzzjoni waqt it-trattazzjoni finali. L-imputat sejjer ghalhekk jigi dikjarat mhux hati tal-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

L-imputazzjonijiet 6 sa 13.

Peremzz tas-sitt (6) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat bir-reati ta' frodi u truffa nnominata kontemplati fl-Artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali. Il-Qorti jidrilha li din l-imputazzjoni wkoll tirrizulta pruvata izda stante li l-Prosekuzzjoni taqbel li anki din l-imputazzjoni tista' titqies bhala mezz ghall-fini tat-tielet (3) imputazzjoni u li ghalhekk ghandu japplika l-Artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali din il-Qorti mhux ser tiddilunga dwarha hlief li tghid li taqbel li l-agir tal-imputat John Farrugia ikkaguna danni u loss of income lill-Awtorita' Marittima. Il-Qorti inoltre jidrilha li s-seba' mputazzjoni tirrizulta ampjament pruvata kemm mill-istqarrija tal-istess imputat John Farrugia li kkonferma li l-kitba fuq ic-certifikati nseriti a fol. 23 hija tieghu kif ukoll mir-rapport tal-espert tal-kaligrafija Martin Bajada, li saret referenza ghalih aktar il-fuq minn fejn jirrizulta li l-imsemmija certifikati indubjament ghandhom il-kitba tal-imputat John Farrugia. Il-Prosekuzzjoni waqt it-trattazzjoni finali ndikat li it-tmien (8), id-disa' (9), il-hdax (11) u t-tnax (12) il-imputazzjoni nghataw bhala alternattiva ghas-seba' (7) u l-ghaxar (10) mputazzjoni li taghhom l-imputat ser jinstab hati u ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn l-imputazzjonijiet.

Permezz tal-ghaxar(10) imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta' ghoti ta' dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz jew l-uzu tal-istess. L-Artikoli 185 u 186 tal-Kodici Kriminali jipprovdu s-segwenti:-

*"**185.** (1) Bla ħsara tal-każijiet imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, jekk uffiċjal jew impjegat pubbliku illi, minħabba l-kariga jew l-impieg tiegħu, hu fid-dmir li jagħmel jew jagħti dikjarazzjoni jew ċertifikat, jagħmel jew jagħti dikjarazzjoni falza jew ċertifikat falz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn disa' xhur sa tliet snin.*

*(2) Meta l-falsifikazzjoni ssir minn xi persuna li mhix uffiċjal jew impjegat pubbliku b'abbuż ta' awtorità, il-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn."*

*"**186.** Kull min xjentement jagħmel użu minn wieħed middokumenti msemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, jeħel, meta jinsab ħati, l-istess piena stabbilita għall-awtur."*

Ma tantx hemm wisq x'jinghad dwar din l-imputazzjoni salv li tirrizulta ir-reita' ghaliex mill-provi rrizulta b'mod inekwivoku li l-imputat John Farrugia bhala ufficjal pubbliku ghamel certifkati foloz b'abbuz tal-awtortia' lilu moghtijia. Din l-imputazzjoni izda ser titqies li kienet mezz ghall-fini tal-imputazzjonijiet numru 3 u 7 u ghalhekk ser jigi applikat l-Artikolu 17(h) tal-Kodiic Kriminali.

It-tlettax(13)-il imputazzjoni tirrigwarda l-aggravju tar-reat kommess minn ufficjal pubbliku jew impjegat pubbliku meta huwa kellu d-dmir li

jissorvelja jew jimpedixxi li dan ir-reat ma jsirx proprju minhabba l-kariga li jokkupa (Artikolu 141). Il-Qorti jidrilha li dan l-aggravju jirrizulta ampjament pruvat ghaliex l-imputat kellu proprju d-dmir li jara li sabiex tinhareg licenzja nawtika ikun hemm ic-certifikat mahrug mill-MCAST b'mod regolari flimkien ma dokumentazzjoni ohra izda huwa manifestament naqas milli jaghmel dan anzi iffalsifika huwa stess certifkati tal-MCAST sabiex jinhargu l-licenzji nawtici.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi fosthom il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali nadifa kif ukoll il-fatt li huwa wara li nbdew dawn il-proceduri kellu problemi ta' sahha serji liema problemi ta' sahha kienu wkoll il-kagun ta' dilungar f'dawn il-proceduri izda l-Qorti kkunsidrat ukoll il-gravita' tar-reati li taghhom l-imputat qed jinstab hati, principalment ir-reat ta' korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku u n-numru konsiderevoli ta' drabi li l-imputat accetta l-flus sabiex jinhargu licenzji nawtici permezz ta' certifikati foloz. Fir-rigward ta' dan ir-reat il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qal il-Professur Mamo in konnessjoni ma dan ir-reat u cioe' "The punishment attached to an offence so dangerous, so easily perpetrated, so hard to be discovered ought to be such as to rigorously exclude the temptation to sacrifice duty to gain". Il-Qorti kkunsidrat ukoll il-konsegwenzi serji li seta' jkun hemm minhabba l-agir tal-imputat fejn persuni li ma segwewx il-kors ta' seamanship tal-MCAST inhargitilhom licenzja u b'hekk setghu joperaw small vessels fl-ibhra taghna minghajr training adegwat bil-possibilita' li jigu kagunati ncidenti gravi fejn ikorru utenti ohra tal-ibhra Maltin. Din il-Qorti taqbel pjenament ma' dak li intqal mill-kompjant Professur Mamo u jidrilha li fil-kaz odjern ghandha timponi piena karcerarja effettiva anki jekk din mhux ser tkun fil-massimu minhabba r-ragunijiet l-ohra appena

ndikati. Stante li l-imputat ma nstabx hati tal-ewwel(1) u tat-tieni(2) mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu il-Qorti mhux ser tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 5 tal-Kap. 373 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta’ Rinviju ghall-Gudizzju tal-14 ta’ Mejju 2008 u senjatament l-Artikoli 17, 18, 31, 115 (c), 308, 309, 310, 183, 184, 185, 186 u 141 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tat-tielet(3), tas-sitt(6), tas-seba’(7), tal-ghaxar(10) u tat-tlettax(13)-il imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah erba’(4) snin prigunerija. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-ewwel(1), tat-tieni(2), tar-raba’(4) u tal-hames(5) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnhom. Stante li t-tmien(8), id-disa’(9), il-hdax(11) u t-tnax(12)-il imputazzjoni nghataw bhala alternattiva ghas-seba’ (7) u ghall-ghaxar(10) imputazzjoni li taghhom l-imputat qed jinstab hati l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ dawn l-imputazzjonijiet.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 10 u 119 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tordna l-interdizzjoni generali u perpetwa tal-imputat John Farrugia u ghal dan il-ghan qed tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata lir-Registratur tal-Qrati Kriminali sabiex issir il-publikazzjoni relattiva fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 10(7) tal-Kodici Kriminali.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat John Farrugia sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub

bil-miktub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta’ elfejn mitejn u tmienja u tmenin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€2288.78) liema ammont jirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra tal-esperti f’dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------